# Patri Franġisk Galea, OFM

## *Reliġjuż Mosti, għaref u predikatur ta' ħila*

## (1884 - 1919)

© Patri Ġorġ AQUILINA, OFM

**Pietru** Pawl Galea,[1] bin Salvu u Grazzja Azzopardi twieled il-Mosta nhar it-3 ta' Frar 1884 u ġie mgħammed fl-istess jum. Irċieva l-Griżma ta' l-Isqof nhar it-8 ta' Novembru 1891, u l-Ewwel Tqarbina ma nafux meta, għaliex dak iż-żmien ma kienux iniżżluhom. Jingħad li missieru kien bennej tajjeb u mfittex. Xejn ma nafu dwar tfulitu, li naturalment kienet bħal ta' tfal oħra fil-Mosta ta' 118-il sena ilu. Żgur iżda, li kien tgħallem l-iskola, għaliex kien għadu nistgħu ngħidu tfal meta beda jgħallem fl-iskola primarja tal-gvern.

L-ewwel skola primarja fil-Mosta tissemma' għall-ewwel darba fl-1840,[2] iżda aktarx li dan kien biss tentattiv, għaliex f'Rapport uffiċjali jingħad li twaqqfet fl-1889, meta Pietru Pawl kellu ħames snin.[3] Nafu żgur li l-aħħar sena u nofs qabel ma daħal il-kunvent, kien jitgħallem għand Dun Karm Camilleri t-taljan u l-latin, fejn għamel progress kbir.[4] Żgur li bidu ta' skola kellu sew. Dan nafuh miċ-ċertifikat, hekk imsejjaħ ta' l-istat liberu, *(lettera testimoniale)* li ħarġitlu l-Kurja taħt il-firma ta' l-Isqof Pietru Pace, biex ikun jista' jħaddan l-istat reliġjuż, nhar il-21 t'Awwissu 1900, fejn barra li jingħad li Pietru Pawl ma kienx miżżewweġ u lanqas ma kellu xi impediment ieħor, jingħad li *De litterarum etiam studiis sufficienter Nobis constat:* jiġifieri, l-Isqof deherlu li kellu l-għarfien ta' studju biżżejjed.[5] Sitt ijiem qabel, nhar Santa Marija, il-ġenituri tiegħu, Salvu u Grazzja, iddikjaraw bil-miktub li ma kienux jeħtieġu l-għajnuna ta' binhom u li kienu kuntenti li kien ser isir reliġjuż. Minn din il-kitba nafu li t-tnejn kienu illitterati, għaliex iffirmaw b'salib.[6]



### Mal-Franġiskani

Hekk meta kellu sittax-il sena, nhar is-16 ta' Settembru 1900, daħal u libes novizz mal-Patrijiet Franġiskani tal-Kunvent ta' Santa Marija ta' Ġesù, (ta' Ġieżu) tar-Rabat ta' l-Imdina, minn idejn il-Kustodju Provinċjal Patri Anton Marija Cesal OFM. Dakinhar bidlulu ismu, u minn Pietru, sar Fra Franġisk. Miċ-ċertifikat tat-tabib Salomone fejn iddikjara li ż-żagħżugħ kien b'saħħtu, li jġib id-data ta' l-10 t'Ottubru 1899, jidher li minn sena qabel kien qed jaħseb biex jagħti bidu għall-vokazzjoni tiegħu.[7]

Matul is-sena tan-novizzjat tingħata relazzjoni dwar il-progress tal-kandidat, kull erba' xhur. Dawn saru nhar is-16 ta' Jannar, 16 ta' Mejju u fis-16 ta' Lulju 1901. U kull darba r-riżultat kien: *del tutto favorevole*.[8]

Sena wara li libes iċ-ċoqqa ta' San Franġisk, nhar is-17 ta' Settembru 1901, ipprofessa sempliċi r-Regola Franġiskana għal tlett snin, f'idejn il-Kustodju Provinċjal P. Anton M. Cesal OFM fil-Knisja Ta' Ġieżu tar-Rabat[9] u nhar it-18 ta' Settembru 1904, wiegħed solennement ir-Regola għal ħajtu kollha, f'idejn Patri Manwel Formosa OFM, Vigarju Kustodjali.[10]

Wara l-Professjoni Sempliċi beda l-istudju li kellu jwasslu lejn is-saċerdozju. Hekk wara sena r-Rabat, ġie mibgħut fil-kunvent tas-Sacro Cuor tas-Sliema fejn issokta jitgħallem il-lingwi, latin u taljan, flimkien mal-kors tal-filosofija. Hawn kellu bħala għalliem ewlieni lil Patri Guido Annati OFM, u fl-1903, flimkien ma' studenti oħra ġie trasferit lejn il-kunvent ta' Santa Marija ta' Ġesù (ta' Ġieżu) tal-Belt Valletta, fejn fost l-għalliema kellu lil magħruf Patri Lwiġi Attard OFM, u bħala Surmast ta' l-istudentat kellu lil Patri Alfons M. Attard OFM.

### Student intelliġenti

Fl-1906 l-istudju tal-Belt ġie trasferit fil-Kunvent il-ġdid ta' Sant'Antnin f'Għajnsielem, Għawdex. Hawn għadda l-aħħar sena tal-kors tat-teoloġija, u fost l-għalliema kellu lil Patri Stiefnu Drago OFM, u lil Patri Feliċ Grima OFM. Fil-Kattidral ta' Għawdex ġie ordnat saċerdot mill-Isqof Ġovanni Marija Camilleri OESA, nhar is-Sibt 22 ta' Diċembru 1907.

Il-kors sħiħ tat-teoloġija temmu f'Lulju 1907, u f'Settembru ta' wara ntbagħat Ruma fil-Kulleġġ Internazzjonali ta' Sant'Antnin, biex jispeċjalizza fil-

teoloġija dommatika. Hawn ukoll kellu Professuri magħrufin bħal: P. Doroteo Cornelisse, għad-dommatika speċjali, P. Innocenzo Petonzoli, għad-dommatika fundamentali u P. Ulric Hunteman, għall-istorja tad-dommi u għall-patroloġija. Patri Franġisk, żagħżugħ ta' intelliġenza xejn komuni, u bniedem li kien jistudja bis-sħiħ, kien dejjem minn ta' quddiem fost sħabu. Temm l-istudju u temm l-eżamijiet bir-riżultat ta' *Summa cum laude,* kiseb il-Lettorat Ġenerali fit-Teoloġija Dommatika. Grad li jitqies daqs id-dottorat ta' llum.

## Għalliem u predikatur li jsaħħrek

Il-wasla tiegħu f'Malta ħabtet fi żmien tajjeb, meta l-Franġiskani Maltin kienu qed jistennew, wara tant ħidma, li jsiru Provinċja fi ħdan l-Ordni. Patri Franġisk kien iddestinat li jagħti bis-sħiħ il-kontribut tiegħu fil-qasam tal-formazzjoni ta' l-istudenti franġiskani. Hekk malli wasal Malta beda jgħallem it-teoloġija fis-seminarju franġiskan tar-Rabat. Patri Bonaventura Scicluna, li kien student tiegħu jgħidilna li

"Patri Franġisk kien isaħħrek fl-iskola daqskemm fil-priedki minn fuq il-pulptu".[11] Hawn dam tlett snin, sakemm l-istess kors tat-teoloġija ġie trasferit lejn il-kunvent tal-Belt. Nhar it-13 t'April 1914 sar il-Kapitlu Provinċjali mmexxi mill-Ministru Ġeneral Patri Paċifiku Monza li fih, il-Kustodja Franġiskana Maltija ta' San Ġwann Battista, saret il-Provinċja ta' San Pawl Appostlu. Patri Franġisk Galea, inħatar wieħed mill-membri tal-Kunsill tagħha. Ġara iżda, li l-Provinċjal il-ġdid, P. Anton M. Cesal, ftit wara, fil-14 ta' Diċembru 1914, miet u minfloku laħaq Patri Franġisk, bħala Vigarju Provinċjal magħżul mill-Ġeneral fit-13 ta' Frar ta' l-1915.[12]

Fl-istess sena, Isqof Mons. Mawru Caruana OSB, ħatru eżaminatur tal-kleru tad-djoċesi Maltija. Fl-1918 sar il-Kapitlu Provinċjali u Patri Franġisk intagħżel bħala Kustodju Provinċjal.[13] Hekk mill-ġdid seta' jingħata aktar għall-istudju u għall-apostolat tal-predikazzjoni tal-kelma ta' Alla. Għalkemm ftit wara nsibuh iwettaq ukoll ix-xogħol ta' *pro segretario.*[14] Fi żmien qasir kien telgħa fuq kważi l-pulpti kollha ta' Malta u Għawdex, jippriedka bil-Malti u bit-taljan, kif kienu jsiru dak iż-żmien il-biċċa l-kbira tal-paniġierki, ta' bosta mill-knejjes tagħna. Għal dan ukoll baqa' jissemma'. Ħallewlna miktub ta' qabilna, li kien raġel twil, b'vuċi sabiħa, bniedem ippreparat tajjeb. Jgħidulek li: "kien iżejjen pulptu". Fost il-priedki bit-taljan ta' min isemmi dawk ta' l-Avvent li ppriedka fl-1917 fil-Konkattidral ta' San Ġwann, il-paniġierku tal-Konverżjoni ta' San Pawl, fil-Kattidral ta' l-Imdina, u dak tan-Nawfraġju fl-1916 fil-Kolleġġjata tal-Belt.

## Miet qasir il-għomor

Patri Franġisk kien igawdi l-istima ta' l-isqfijiet Maltin, tant li kemm Mons. Pietru Pace u aktar Mons. Mawru Caruana kienu jżommuh bħala persuna twajba u mżejna b'intelliġenza li minnha setgħu jitolbu parir. Iżda ħajtu ma damitx ma resqet lejn tmiemha. Fl-1919, waqt li kien qed jippriedka waħda mill-Ġimgħat tar-Randan fl-Oratorju ta' l-Onorati, anness mal-Knisja tal-Ġiżwiti fil-Belt, rikbu attakk qawwi ta' 'l-influwenza spanjola'.[15] Fi żmien ġimgħa mar għand il-Mulej, meta kien fl-aqwa tal-karriera tiegħu. Kellu biss 35 sena, u xahar! Mewt hekk ħesrem, nhar is-16 ta' Marzu, li niktet lil kotra. Lanqas ma kellu x-xorti li jindifen mal-patrijiet ħutu, li dak iż-żmien kienu jindifnu fil-kannierja taħt il-kor tal-Knisja Ta' Ġieżu tar-Rabat, imma minħabba l-marda li kellu u li tittieħed, difnuh fiċ-ċimiterju ta' l-Addolorata, fil-parti fejn jindifen il-kleru.

L-istoriku Patri Ġorġ Xerri OFM, li kien student sieħbu f'Malta u f'Ruma, għamillu l-isbaħ tifkira li xterdet ma' l-Ordni Franġiskan mad-dinja kollha.[16] U fuq is-santa tal-mewt bħala tifkira kitbulu:

*Alla Cara e Preziosa Memoria*
*Del R. P. Francesco Galea, O.F.M.*
*Lett. Genle. Ex Vic. Provle. e Custode*
*Decoro Della Serafica Religione*
*Gemma Del Sacerdozio Cattolico*
*Rapito Da Un Sospiro Celeste*
*Da Questa Misera Vita*
*Agli Eterni Riposi*
*All'Età Di Soli 35 Anni*
*il Dì 16 Marzo 1919*

* * *

*A Te, O Anima Eletta*
*Ornata Di Cristiano Eroismo*
*Che Si Presto Abbandonasti La Terra*
*Perchè Qual Astro Fulgente*
*Risplendi Eternamente In Cielo*
*Le Lacrime E Le Pregi*
*Dei Congiunti, Confratelli e Degli Amici*
*Sjano*
*Sorgente Perenne*
*Di Misericordie Divine.*

**Referenzi:**


1 **A**[rkivju] **P**[atrijiet] **F**[ranġiskani], Ms. Giorgio Scerri OFM, Biografie, p. 322-324.

2 E.B.Vella, **Storja tal-Mosta bil-Knisja tagħha**, (Malta, 1930), p. 223.

3 Vice-Chancellor's Annual Report to the Senate of the University on the Progress of the Various Branches in the University, Lyceum, Secondary and Primary Schools during the year 1888-89, (Malta, 1890). Hawn jingħad li fil-Mosta kienu jattendu l-iskola primarja 95 tifel u 142 tifla. Is-sena ta' wara fil-Mosta minn 867 tfal fl-età ta' l-iskola, kienu jattendu 346, jew 39.9 fil-mija tat-tfal. Ara pp. xxxv, xxxviii, u xl.

[4] Certifico io sottoscritto che Pietro Galea figlio di Salvatore Galea e Grazia Azzopardi aveva studiato da me circa dieciotto mesi i principii di letteratura italiana e latina e in questo tempo ha fatto grande progresso. S. Carmelo Camilleri, 10 ottobre '00. APF, Ms. Documenti personali validi per l'entrata nell'Ordine dei sacerdoti defunti dal 1902-1971, f. 51.

[5] Ibid., f. 47

[6] Ibid., f. 48.

[7] Ibid., f. 50.

[8] APF, Ms **Vestizioni e Professioni 1878-1923**, p.102.

[9] Ibid., p. 103.

[10] APF, Ms. **Registro delle Vestizioni e Professioni Solenni 1802-1906**, f. 222.

[11] APF, Ms. Bonav. Xikluna, **L-Istudji tagħna**, Scripta, Vol. 1, p. 83.

[12] APF, Ms. **Atti Definitoriali 1907-1948**, f. 35.

[13] Ibid., f. 42

[14] Ibid., f. 43

[15] Din il-marda bejn l-1 ta' Settembru 1918 u l-1 ta' Marzu 1919 kienet għamlet 493 vittma. Ara P. Cassar, **Medical History of Malta**, (London, 1964), p. 260.

[16] **Acta Ordinis Fratrum Minorum**, XXXVIII (Romæ,1919), p.98.

**N.B.** Nirringrazzjaw lil Patri Ġorġ Aquilina OFM, talli għoġbu jiktbilna dwar dan ir-Reliġjuż Mosti, **PATRI FRANĠISK GALEA**, li kien jiġi z-ziju ta' l-Arċipriet u wara Mons. Pawl Galea, illum mejjet iżda żgur li ħafna minna jiftakruh sewwa. Din il-kitba għandha sservi wkoll biex forsi xi ħadd (forsi anke bil-għajnuna ta' xi ħadd minn li fadal li jiġu minnu) jiċċaqlaq u tissemma mqar xi trejqa għalih f'raħal twelidu. Kien studjuż u b'intelliġenza mhux komuni li għamel isem għall-Mosta minkejja li miet ħesrem ta' 35 sena – *l-Editur*.



NUNZIO GARAGE

*Għal kull xogħol ta' Aperturi u Għamara fuq stil Rustiku u restawr ta' travi ta' l-injam.*

Tel: 2141 2853 - Mobile: 9987 5106